Ref: 9/6/194/12

**<u>Minuti tal-Laqgha Nru. 9 tas-Sitt Legislatura</u>**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 26 ta' Settembru 2012. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio u l-Kunsillier Tyrone Muscat.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Gie decis li ssir sospensjoni ta l-agenda u jigi diskuss item 4.

**4) *<u>EU Funds Projects</u>***

4.1 – Il-Kunsillier Attard ta d-dettalji u qal li hu baghat korrrispondenza dwar dan it-tender lill-Kunsilliera kollha biex kulhadd jarah ghax dalwaqt irid jigi aggudikat dan it-tender. Dan sabiex napplikaw ghal ERDF li taghlaq fid-29 ta' Ottubru 2012.

4.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li jsiru l-permessi tal-MEPA ta' Gnien Wied Blandun u tal-Progett tal-Pawla Wolves.

4.3 – Gie deciz ukoll li jkompli jsir hidma fuq il-*cultural fund* tal-Unjoni.

4.4 - Il-Kunsillier Axisa qal li ghandna opportunita' biex ahna mmorru l-Bulgaria.

4.5 – Gie deciz li l-Kunsilliera Rita Delezio, il-Kunsillier Bernard Lynch u s-Segretarju Kevin Borg ser immorru ghal Meeting Venezia mit-Tnejn 21 ta' Ottubru sal-Hamis 24 ta' Ottubru 2012.

4.6 – Il-Kunsillier Attard hareg mil-laqgha fis-6.35pm.

## 1) Minuti

**Minuti tal-Laqgha Nru .6 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.1 – Re: Item 3.1 – ghandu jizdied il-kliem “flimkien ma’ flyer (Lehen Paola) sabiex issir il-pubblicita’ ta’ Jum paola u Notte a Casal Paola. It- tqassim ser isir minn 3D”.

1.2 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru. 6 tas-Sitt Legislatura**

**Korrezzjonijiet**

1.2.1 – id-data tal-laqgha flok il-Hamis 2 ta’ Awissu 2012 trid issir “it-Tnejn 20 ta’ Awissu 2012”.

1.2.2 - Re: item 3.7 – wara s-Sindku trid tizdied “qal”.

1.2.3 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

## 8) *Schedule of Payments*

8.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-ammont ta’ €67,603.64 . Dawn gew approvati nem.com.

## 2) Korrispondenza

2.1 – **Ittra mis-Sur Joseph Zammit** – Is-Sur Zammit baghat ittra dwar l-inkonvenjent serju li qed tohloq cumnija ta’ furnar li hemm ftit ‘l boghod mill-pjazza u dwar il-problema tal-hamiem li hemm fil-pjazza.

2.1.1 – Wara diskussjoni, gie deciz li tintbaghat ittra lil MEPA dwar dan.

2.1.2 – **Ittra mis-Sur Lawrence Cachia** – Is-Sur Cachia baghat ittra dwar il-problema tal-hamiem.

2.1.3 – Gie deciz li nitolbu c-cavetta tal-post tad-dar tal-gvern li hemm fil-pjazza u naghlqu l-barumbari.

2.1.4 – Is-Sindku qal li ser imexxi ma’ tas-Sanita’ wkoll dwar fuq min qed jitma’ l-hamiem u ser ikollu laqgha mal-pulizija dwar il-bye-law u li jekk sa nhar is-Sibt mhux ser ikollu risposta tal-pulizija, ser jikteb lill-kummissarju tal-Pulizija.

2.1.5 – Il-Vici-Sindku Dominic Grima hareg mil-laqgha fis-7.20pm.

2.2 – Saret diskussjoni dwar il-camera tal-kunsill minhabba li din intilfet. Il-Kunsilliera Delezio qalet li l-ahjar haga hi li kull min jiehu xi haga tal-kunsill, irid ikun responsabbli u jrid jiffirma ghaliha. Il-membri prezenti qabblu ma' dan u ghandha tinxtara camera ohra.

2.3 – **Ittra mill-qorti ta' Asfaltar Ltd** – Is-Sindku qal li ser jiehu parir legali minghand l-avukat tal-Kunsill.

2.4 – **Ittra mis-Sur Chris Laferla** – Is-Sur Laferla baghat ittra dwar A3 Towers, Triq Ninu Cremona biex isiru bit-tarmak it-toroq ta' madwar it-torrijiet.

2.4.1 – Is-Sindku qal li kellu laqgha ma' TM u kellu konferma verbali li dawn it-toroq ser isiru u li anke Triq il-Bacir ser issir min-naha ta' TM.

2.5 – **Ittra minn Stefan Zahra** – Il-Hibs Supporters club baghtu ittra dwar l-attivita' Hibs Kids Club li ser issir is-Sibt 29 ta'Settembru 2012 fi Gnien Pawlu Boffa fejn qed jitolbu biex juzaw il-kcina tal-kunsill bhala store biex izommu xi affarijiet relatati mal-attivita' u biex tithawwel pjanta fil-gnien biex tibqa' tifkira tat-twaqqif tal-Hibs Kids Fan Club u biex iqabbdu plakka mad-dawl tal-Kunsill biex ikun jista' jinxteghel PA System. Is-Sindku qal li l-ELC ta 3pjanti b'xejn lill-kunsill. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

2.6 – Saret diskussjoni ghal access ahjar tal- wi-fi fi gnien pawlu boffa u li ser tintbaghat korrispondenza dwar dan. Sar qbil li jingiebu quotations dwar wi-fi, *network printing* u *live-streaming*.

2.7 – Gie deciz ukoll li CCTV fil-ground Pace Grasso tinbidel ghal DVR u zewg cameras minhabba li kien hemm hsara bil-maltemp u s-sajjetti li ghamel.

2.8 – Is-Sindku qal li hu ha hsieb jikkuntattja lis-sid li ghandu l-plot fi Triq l-Arkata.

2.9 – Is-Sindku qal li ntbaghtet ittra biex napplikaw ghall-skrivan/a full time fi skala 15. Is-Sindku qal ukoll li ntbaghtet korrispondenza biex nimpjegaw persuni b'dizabilita' u li ser napplikaw ghal skrivana, *messenger driver* u *receptionist*.

## 3) ***Library Funds***

3.1 – Is-Sindku qal li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali qed jaghti fondi lill-kunsill ghall-ammont ta' €582.00 f'ghajnuna ghal-librerija Regjonali.

3.2 – Is-Sindku qal ukoll li hu kellu laqgha mal-librara fejn talbet l-ghajnuna tal-kunsill biex jghinha fix-xiri ta' *air-condition* u *letterbox*.

3.3 – Is-Sindku qal li l-librarian taghtu lista ta' kotba wkoll. Il-Kunsilliera Delezio ser tiehu hsieb li jinxtraw il-kotba flimkien mal-librara.

## 5) Progetti relatati ma’ Transport Malta

5.1 – Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Belt Valletta u li ser isiru testijiet mit-TM u li din ghandha titranga.

5.2 – Is-Sindku semma’ wkoll Triq il-Bacir u li mar il-Perit Vassallo u qallu biex idahhalha mat-toroq l-ohra li jridu jigu rrangati. Hu semma’ wkoll li Triq l-Isqof Pietru Pace u Vjal it-28 ta’ April 1958 ser isiru bejn issa u 2013.

5.3 – Il-Kunsillier Axisa staqsa x’jista’ jsir fuq Triq San Edwardu. Is-Sindku qal li ser issir laqgha ghada mad-direttur tal-gvern lokali. Hu kompla jghid li jekk ma naslux mad-dipartiment, imbaghad tintbaghat ittra lir-residenti tal-akwati u ninfurmawhom bis-sitwazzjoni.

## 6) *Book Box*

6.1 – Is-Sindku qal li rcevejna korrispondenza fejn il-Kunsill qed jintalab biex issir Phone *book box*. Gie deciz li jekk iridu ssir *book box* fi Pjazza Antoine De Paule quddiem *Main Street Complex*.

## 7) Jum l-Anzjani

7.1 - Wara diskussjoni, gie deciz li Jum l-Anzjani ssir nhar it-Tnejn 1 ta’ Ottubru 2012 u li ser jintbaghtu ittri *by hand* lil dawk il-persuni li gew nominati. Dawn huma s-Sinjura Josephine Frendo, lis-Sinjura Rose Moran u lis-Sur Joe Sladden.

## 9) Aggornament

9.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-8.30pm.

Approvati llum ____________________

| | |
|---|---|
| _______________ | __________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| Segretarju | Sindku |